MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 25/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Computer Evolutions Centre Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ tlieta u sebghin Lira Maltin u tletin centezmu (LM73.30) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond Client Contract Number 1000646 in rigward ghal servizzi lilu resi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Novembru 2005 u Awissu 2006.

B-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-29 ta’ Ottubru, 2006 dawk tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat kontestwalment ma dana l-att, dawk tal-ittra ufficjali lil

banek relattiva ghall-imsemmi mandat u bl- imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut lli huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Peter Sammut fl-27 ta' Frar, 2007 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------